MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) MALTA

## MAGISTRAT DR. MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 392/2000/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**vs**

**Carmel Vella Limited**

Il-Qorti,

Rat l-avvizipprezentat mill-Korporazzjoni attrici fil-5 ta' April, 2000, fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lis-socjeta' konvenuta illi thallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' hames mija u erbgha u sittin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm564.16) rapprezentanti danni kawzati mis-socjeta' konvenuta fuq proprjeta' tal-Korporazzjoni, f'St Publius Street, Naxxar, fil-11 ta' Frar, 1998.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata Mejju, 1999, oltre ghall-imghaxijiet sal-jum tal-hlas effettiv, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn eccepiet illi:

1. Preliminarjament illi l-azzjoni hija preskritta ai termini ta’ l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili;
2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-su-espost u fil-mertu, illi meta saru x-xogholijiet it-triq indikata fl-avviz, rapprezentanti tal-Korporazzjoni attrici kienu ndikaw minn fejn kienu ghaddejjin il-*cable*s taghha u l-fond taht il-livell tat-triq, pero’ meta effettivament saru x-xogholijiet instab, bhala stat ta’ fatt, illi kien hemm *cable*s mhux immarkati kif suppost, b’dan illi r-responsabbilita’ tal-hsarat ma jista’ qatt jigi attribwit lis-socjeta’ konvenuta, anzi jinghad illi kienet il-Korporazzjoni stess li agixxiet b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni li seta’ holoq anke periklu ghall-istess haddiema tas-socjeta’ konvenuta;
3. Fit-tielet lok, ukoll minghajr pregudizzju ghas-su-espost, illi l-ammont riklamat mill-Korporazzjoni attrici huwa wiehed esagerat;
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra l-Korporazzjoni attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta’ konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni a bazi ta’ l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili.

B’risposta ta’ dan il-Korporazzjoni attrici esebit ittra ufficjali data 21 ta’ Mejju, 1999, illi giet debitament notifikat lis-socjeta’ konvenuta.

Ghalhekk b’verbal maghmul fis-seduta tas-7 ta’ Mejju, 2001, is-socjeta’ konvenuta rtirat l-ewwel eccezzjoni ta’ preskrizzjoni. Ghalhekk il-kawza ser tigi kkunsidrata nterament fuq il-meritu taghha.

Irrizulta mill-provi illi s-socjeta' konvenuta ottjeniet kuntratt sabiex taghmel trinek fin-Naxxar sabiex jghaddu *mains* ta' l-ilma godda. Dan kien jinvolvi xoghol fi Triq San Pupulju, Naxxar. Pero qabel ma beda dan ix-xoghol is- socjeta' konvenuta ottjeniet il-permess tal-Korporazzjoni attrici li baghtet lil Victor Cini bil-*cable detector* sabiex jimmarka l-*cables* illi kien hemm f' din it-triq. Victor Cini xehed illi l-marki ghamilhom huwa stess.

Ix-xoghol beda izda fil-11 ta' Frar, 1998, intlaqghat il-*cable* u kien hemm partijiet kbar bla dawl. Meta l-haddiema tal-Korporazzjoni Enemalta marru fuq il-post, u fosthom kien hemm Victor Cini, ra illi t-trinka ghaddiet minfuq il-*cable* u ghalhekk kellhom jaghmlu riparazzjonijiet, liema riparazzjonijiet kien jirrikjedi twessigh tat-trinka sabiex ikun hemm access ahjar ghall-*cable* illi kellu jissewwa.

Il-Korporazzjoni Enemalta tikkontendi illi s-socjeta' konvenuta ghandha tkun responsabbli ghad-danni peress illi kienet traskurata u ma osservatx id-distanza ragonevoli mill-marki illi gew indikati lilha. Min-naha l-ohra s- socjeta' konvenuta qeghda tghid illi ma ghandhiex tkun responsabbli peress illi fil-punt li ntlaqat il-*cable* dbewwaq 'il-barra b'mod illi gie ezattament taht it-trinka u ma kellhom l-ebda mezz ikunu jafu illi l-*cable* iddevja b'dak il-mod, stante illi dan ma giex indikat lilha mill-Enemalta.

Irrizulta mill-provi illi filwaqt illi mhuwiex ikkontestat li s-socjeta' konvenuta kienet responsabbli ghal qtugh ta' dan il-*cable*, b'daqshekk ma jfissirx illi ghandha tkun awtomatikament responsabbli ghad-danni jekk jigi ppruvat illi ma kienx hemm xi negligenza jew traskuragni da parti tal-operaturi taghha.

Is-socjeta' konvenuta gabet bhala prova lil Perit Ronald Muscat Azzopardi illi acceda fuq il-post l-ghada ta' l-incident. Kif ukoll esebit ritratt illi juri t-trinka illi kienet qeghda tigi mhaffra minnha u il-*cable* imbewwaq 'il-barra fid-direzzjoni ta' din it-trinka. Il-perit Muscat Azzopardi ghad illi rrikonoxxa illi mar l-ghada ta' l-incident, qal illi s-sitwazzjoni kienet ghadha l-istess u seta' jikkonstata li dan

il-*cable* kien iddevjat b'dak il-mod. Ipprepara certifikat, kif ukoll *sketches* tal-*cable* kif kien jidher dak il-hin.

Victor Cini spjega illi meta tigi biex issewwi *cable* u taghmel *extension* mieghu, dan ta' l-ahhar jitbewwaq 'il-barra b'mod illi jidher jinvadi t-trinka illi saret mis-socjeta' konvenuta. Min-naha l-ohra l-Perit xehed li meta ssir gonta l-linja tal-*cable* jibqa' l-istess u ma jkun l-ebda devjazzjoni fir-rotta taghha.

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali, l-Qorti ssib li l-verzjoni moghtija mis- socjeta' konvenuta hija probabbilment vera. Jista jaghti l-kaz illi l-*cable* tbewwaq f'xi punt illi ghadda minn got t-trinka illi kienet qeda tinhadem dak il-hin.

Il-Korporazzjoni attrici mmarkat dan il-*cable* u is-socjeta' konvenuta kkonformat ruhha bid-distanzi ragonevoli ghat-thaffir tat-trinka. Inghad illi t-triq kienet wahda dejqa, skond Victor Cini kulma kien hemm tnax-il pied. Ghalhekk ma tantx kien hemm spazju fejn is- socjeta' konvenuta setghet tahdem, pero' tajjeb jew hazin zammet dawk id-distanzi necessarji sabiex tassigura l-inkulumita' tal-*cable*. Ma kellha l-ebda mezz tkun taf illi f'xi punt dan il-*cable* kien ser jitbewwa 'il-barra u dana ghaliex anki l-Korporazzjoni Enemalta ma ndikatx din id-devjazzjoni lis-socjeta' konvenuta. Peress illi din l-ahhar socjeta' ma kellha l-ebda mezz tkun taf b'din id-devjazzjoni, l-Qorti ma tarax illi kien hemm xi element ta' negligenza jew traskuragni fl-operat taghha.

Ghalhekk stante dan in-nuqqas, il-Qorti ma jidhirlhiex illi s-socjeta' konvenuta ghandha tkun responsabbli ghad-danni subiti.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tal-Korporazzjoni attrici bl-ispejjez kontra taghha.

Anthony Zammit
Deputat Registratur